MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 2378/1998/1

**Marmara` Bros Co. Ltd**

**v.**

**Peter Montebello f'ismu proprju u bhala Gestitur tal-Peter Plant Hire**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Novembru, 1998 is-socjeta` attrici ppremettiet, illi fis-sena 1996 il-konvenut kien ha *tender*

mill-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk ghar-riabilitazzjoni ta’ Triq Santa Katerina, fl-istess lokalita`; illi l-konvenut kien avvicina lis-socjeta` attrici biex tidhol fi shab mieghu fuq l-imsemmi progett; illi x-xoghol gie kompletat u l-konvenut thallas debitament mill-Kunsill ta’ Marsaxlokk izda huwa qatt ma qasam il-qliegh mas-socjeta` attrici kif originarjament miftiehem; illi minkejja li huwa gie interpellat biex jadempixxi ruhu l-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; dan premess is-socjeta` attrici talbet li, ghar-ragunijiet imsemmija, dik il-Qorti: -

1) Tiddikjara li l-progett tax-xoghol ta’ riabilitazzjoni fuq imsemmi sar bi shab bejn il-konvenut u s-socjeta` attrici;

2) Tiddikjara konsegwentement illi l-konvenut huwa obbligat li jhallas lis-socjeta` attrici nofs il-qliegh percepit mill-istess progett;

3) Tillikwida s-sehem spettanti lis-socjeta` attrici mill-qliegh percepit mill-imsemmi progett;

4) Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta` attrici dak is-sehem lilha spettanti f’dik is-somma kif likwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Ottubru 1998 (Dok 3) u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

B’nota pprezentata fit-13 ta’ April, 1999 (fol. 25) il-konvenut propio et nomine eccepixxa:-

“1) Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi ma sar ebda ftehim bejn il-kontendenti biex ix-xoghol in kwistjoni jsir bi shab, u fil-fatt ma fadal ebda bilanc dovut mill-eccipjent lis-socjeta` attrici u l-eccipjent jirrileva illi l-pretensjonijiet attrici gew minnu michuda permezz ta’ ittra ufficjali tad-29 ta’ Ottubru 1998;

“2) Illi fix-xoghol tat-*tender* in kwistjoni, is-socjeta` attrici giet inkarigata mill-eccipjent bhala *subcontractor* b’xoghol u rwol definit u limitat, ta’ liema xoghol fil-fatt thallset debitament kif ammess mill-istess socjeta` attrici fid-dikjarazzjoni guramentata taghha annessa mac-citazzjoni;

“3) Illi l-eccipjent jirrileva li ma jezistix, u fil-fatt ma giex ezebit mis-socjeta` attrici, ebda kuntratt ta’ shab kif allegatament kien hemm, u dan ghaliex fir-rejalta` qatt ma kien hemm intenzjoni li jsir ix-xoghol bi shab u r-relazzjoni kontrattwali ta’ bejn il-kontendenti kienet purament wahda ta’ *subcontract*;”

**Is-sentenza appellata:**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-2 ta’ Marzu, 2007 bil-mod segwenti:

“Ghal dawn il-motivi:

“Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa’ t-talbiet kollha attrici u tiddikjara li l-progett tax-xoghol ta’ riabilitazzjoni indikat fic-citazzjoni sar bi shab bejn il-konvenut u s-socjeta` attrici, tiddikjara konsegwentement illi l-konvenut huwa obbligat li jhallas lis-socjeta` attrici nofs il-qliegh percepit mill-istess progett, tillikwida s-sehem spettanti lis-socjeta` attrici mill-qliegh percepit mill-imsemmi progett fis-somma ta’ erbat elef u hamsin Liri Maltin (Lm4050) u tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta’ Lm4,050 bhala s-sehem lilha spettanti u dana bl-imghaxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

“Spejjez kollha kontra l-konvenut.”

U dana wara li dik il-Qorti ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"Is-socjeta` attrici tippremetti li fil-1996 il-konvenut kien ha tender mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk ghar-riabilitazzjoni ta' Triq Santa Katerina, fl-istess lokalita`. Is-socjeta` attrici tippretendi li ghar-rigward tal-imsemmi xoghol il-konvenut propio et nomine kien avvicina lis-socjeta` attrici biex l-istess xoghol isir bi shab mieghu. Is-socjeta` attrici tkompli tippremetti li dan ix-xogol gie kompletat u l-konvenut thallas ghall-istess xoghol, pero` il-konvenut naqas li jaqsam il-qliegh maghha kif is-socjeta` attrici tippretendi li kien gie miftiehem. Ghalhekk is-socjeta` attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-imsemmi xoghol sar bi shab bejn il-konvenut u s-socjeta` attrici u li jigi dikjarat li l-konvenut hu obbligat li jhallas lis-socjeta` attrici nofs il-qliegh relattiv. Qed titlob ukoll li jigi likwidat is-sehem spettanti lis-socjeta` attrici mill-imsemmi qliegh u li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma hekk likwidata;

"Fid-dikjarazzjoni taghha s-socjeta` attrici tispecifika li ma gewx miftiehma bejn il-partijiet rati ta' xoghol u dana peress li ma kienx hemm bzonn la darba x-xoghol kien ser isir bi shab. Is-socjeta` attrici talbet pagament waqt li kien ghadu ghaddej ix-xoghol in kwistjoni biss peress li kella problemi ta "*cash flow*." Peress li l-konveut ma kienx qed ihallas, is-socjeta` attrici bghatet kont ghax-xoghol li ghamlet. Il-konvenut ma accettax dan il-kont u insista li l-ammont dovut lis-socjeta` attrici kien inqas minn dak li kien gie mitlub bl-istess kont;

"Il-konvenut qed jeccepixxi li ma sar ebda ftehim bejn il-kontendenti biex ix-xoghol in kwistjoni jsir bi shab, u ma fadal ebda bilanc dovut lis-socjeta` attrici. Qed jeccepixxi ukoll li fix-xoghol in kwistjoni is-socjeta` attrici giet inkarigata minnu biss bhala *subcontractor* b'xoghol u rwol definit u limitat u ghall-liema xoghol is-socjeta` attrici thallset. Finalment il-konvenut jeccepixxi li ma jezistix kuntratt ta' shab bejn il-kontendenti u dan peress li qatt ma kien hemm intenzjoni li dan ix-xoghol isir bi shab;

"Dak li jrid jigi deciz hu jekk kienx hemm ftehim bejn il-kontendenti li x-xoghol in kwistjoni kellu jsir bi shab bejniethom. Mhux kontestat li t-*tender* in kwistjoni, li kien jirrigwarda xoghol ta' riabilitazzjoni ta' Triq Santa Katerina

M’Xlokk, kien hadu l-konvenut personalment u wahdu. Tant hu hekk li l-garanzija bankarja relattiva ghat-tehid tax-xoghol in kwistjoni nghatat biss mill-konvenut. In effett il-garanzija kellha tinghata biss mill-konvenut peress li hu wahdu kien nghata t-*tender* in kwistjoni u ghalhekk huwa kien unikament responsabbli fil-konfront ta’ minn kien qed jghati l-istess *tender* cioe` l-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk. Dan pero` ma jfissirx li l-konvenut ma setax jaghmel ftehim ma terzi biex ix-xoghol isir bi shab mal-istess terzi. Lanqas ma jfisser li l-konvenut ma setax jghati lil terzi b’sub-appalt partijiet mill-istess bicca xoghol. Fi kwalunkwe kaz il-konvenut dejjem jibqa’ unikament responsabbli fil-konfront tal-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk ghar-rigward tal-istess bicca xoghol;

“Diretturi tas-socjeta` attrici, l-ahwa Carmelo u Lawrence Marmara`, isostnu li kien sar ftehim verbali mal-konvenut li x-xoghol in kwistjoni kellu jinhadem bi shab. Huma jsostnu li in effett ma sar l-ebda ftehim mal-konvenut dwar prezzijiet jew rati ta’ xoghol li kellha tghamel is-socjeta` attrici u dana peress li l-ftehim kien li wara li jitnaqqsu l-ispejjez kollha li jifdal kellu jinqasam ugwalment bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut;

“L-imsemmi Lawrence Marmara` kkonferma li huwa ftiehem mal-konvenut li x-xoghol in kwistjoni kellu jsir bi shab bejniethom cioe` bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut. Il-konvenut kellu jaghmel ix-xoghol li kien jirrikjedi l-usu ta’ gafef mentri s-socjeta` attrici kellha tghamel ix-xoghol bl-idejn;

“L-imsemmija diretturi tas-socjeta` attrici kkonfermaw ukoll li s-socjeta attrici ghamlet ix-xoghlijiet kollha li kella tghamel u li thallset biss is-somma komplessiva ta’ Lm6,000 dana waqt li kien ghaddej l-istess xoghol. Il-konvenut hallas l-imsemmija somma fuq talba tad-diretturi tas-socjeta` attrici li kellhom problemi ta’ likwidita` u ghalhekk kellhom problemi biex ihallsu lill-haddiema taghhom. Huma kkonfermaw ukoll li wara li spicca x-xoghol il-konvenut kien ighid li kien ghadu ma thallasx mill-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk. Sussegwentement id-diretturi tas-socjeta` attrici saru jasfu li l-konvenut in effett

thallas u ghalhekk talbu li jsiru l-kontijiet relattivi sabiex il-profitt ikun jista jinqasam bin-nofs bejniethom. Il-konvenut irrifjuta li jaghmel dan billi sostna li l-atturi kienu gia` thallsu ghall-xoghlhom;

“Da parti tieghu l-konvenut ighid li huwa kien ghadda in sub-appalt lis-socjeta` attrici parti mix-xoghol in kwistjoni. Huwa qal li l-atturi kellhom jaghmlu x-xifer tal-bankina tul it-triq kollha, cioe` l-kurdun tal-bankina, u kellhom ukoll jibnu hajt. Huwa cahad li x-xoghol in kwistjoni sar bi shab mal-atturi. Huwa kkonferma li mal-atturi kollox sar biss verbalment u mhux bil-miktub. Il-konvenut qal ukoll li biex giet kompletata l-bankina u biex saru xoghlijiet ohra hu ta’ sub-appalt lil terzi. Huwa kkonferma wkoll li tax-xoghol li ghamlet is-socjeta` attrici thallset u in efett thallset is-somma komplessiva ta’ sebat elef u hames mitt Lira (Lm7,500). Huwa kkonferma ukoll li huwa thallas kollox mill-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk u li l-materjal kollu involut f’dan ix-xoghol gabu hu;

“Hu aktar verosimili dak li qed isostnu d-diretturi tas-socjeta` attrici u cioe` li sar ftehim bejn direttur tas-socjeta` attrici u l-konvenut li l-bicca xoghol in kwistjoni kella ssir bi shab bejniethom. Hemm certi cirkostanzi li jindikaw li l-istess bicca xoghol saret bi shab bejn il-partijiet. In effett jirrizulta li l-partijiet ma ftehmux dwar prezzijiet u rati ta’ xoghol ghar-rigward ta’ dak li kellu jsir mis-socjeta` attrici. Dan hu indikattiv li x-xoghol kien qed isir bi shab bejn il-kontendenti;

“In effett ukoll jirrizulta li wara li tlestiet din il-bicca xoghol u qabel ma nqalghu d-divergenzi bejn il-kontendenti, l-istess kontendenti bdew jahdmu zewg bicciet xoghol ohra, wahda ix-Xaghajra u l-ohra l-Fgura, u jidher li dawn iz-zewg bicciet xoghol kienu qed jinhaddmu bi shab bejniethom. Inoltre jirrizulta li wara li tlestiet il-bicca xoghol in kwistjoni, d-diretturi tas-socjeta` attrici kienu jmorru mal-konvenut biex jaraw jekk setghux jigbru flus minghand il-Kunsill ta' Marsaxlokk. Dan jindika li l-istess diretturi tas-socjeta` attrici kellhom xi interess biex tingabar is-somma dovuta sabiex sar ix-xoghol in kwistjoni. Inoltre jirrizulta li l-istess diretturi tas-socjeta` attrici kienu jmorru mal-

konvenut f'inkontri mal-imsemmi Kunsill Lokali sabiex jigu diskussi aspetti tax-xoghol u problemi varji li kienu qed jinqalghu waqt li kien ghaddej l-istess xoghol;

"Ix-xoghol in kwistjoni kien jikkonsisti f'xoghol ta' trinek, qlugh tat-triq inkluzi il-bankini, il-formazzjoni tat-toroq u l-bankini mill-gdid bil-hitan b'kollox. Ix-xoghol kien jinkludi wkoll bdil tal-komunikazzjonijiet kollha ta' l-ilma, bil-*main* b' kollox u xoghol ta fosos li kellhom jigi mimlijin bit-terrapien u kellhom jsiru *manholes* mill-gdid. Saru wkoll xi hitan u saret sistema ta' *drains* oltre xoghlijiet ohra. Minn dan jirrizulta ovvju li biex jigi kompletat ix-xoghol, partijiet mill-istess xoghol kellhom jinghataw lil terzi in sub-appalt. Dawn il-varji sub-appalti kienu parti mill-ispejjez li kellhom jigu konteggjati wara li jitlesta ix-xoghol sabiex jigi stabblit is-sehem li kien dovut lil kontendenti rispettivament;

"Hu minnu li l-imsemmija diretturi tas-socjeta` attrici jammettu li ma kienux jafu kemm kienet l-offerta tal-konvenut biex ottjena t-tender in kwistjoni. In effett l-atturi kienu qed jidhlu ghal bicca negozju u hu ovvju li seta kien hemm certu element ta' riskju. L-atturi kienu konsapevoli li l-konteggi kollha kellhom isiru wara li tlesta x-xoghol u li huma kienu ser jiehdu sehemhom li kien jinkludu ukoll ix-xoghol li ghamlu. In effett il-kontribut tas-socjeta` attrici kien ix-xoghol kollu li ghamlet l-istess socjeta`;

"Il-Perit Ivan Bartolo kien inkarigat mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk biex jissorvelja dawn ix-xoghlijiet in kwistjoni, u ghalhekk huwa kien imur ta' spiss u b'mod regolari fuq il-lant tax-xoghol. Dan ix-xhud qal li ma jafx x'tip ta ftehim kien hemm bejn il-partijiet pero` minn kif kienu sejrin l-affarijiet *on site* huwa seta jghid li kien jidher li l-ahwa Marmara` kienu b'xi mod wkoll responsabbli ghall-dan ix-xoghol;

"Kwantu ghal likwidazzjoni ta' sehem is-socjeta` attrici mill-profit, ghandu jigi konsidrat li jirrizulta li l-konvenut thallas mill-Kounsill Lokali ta' Marsaxlokk is-somma komplessiva ta' circa Lm81,000. Mid-dokumenti kollha li gew esebiti ma jirrizultawx specifikament l-ispejjes kollha involuti u lanqas il-margini ta' profit tal-konvenut.

Ghalhekk il-likwidazzjoni trid issir "*arbitrio boni viri*". Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tar-rizultanzi il-margini ta' profitt li ghandu jigi kalkolat hu tal-ghaxra fil-mija (10%) u dana eskluz ix-xoghol li sar rispettivament mill-kontendenti. Ghalhekk in vista tal-imsemmi ammont li l-konvenut thallas mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk il-profit ghandu jigi kalkolat li jammonta ghal tmint elef u mitt Liri Maltin (Lm8100). Konsegwentement is-sehem dovut lis-socjeta` attrici bhala profitti hu ta' erbat elef u hamsin Liri Maltin (Lm4,050) u dan eskluz kull ammont li setghet thallset is-socjeta` attrici waqt li kien ghaddej ix-xoghol;

"In vista ta' dak kollu li gie premess l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu rigettati, filwaqt li t-talbiet attrici, peress li jirizultaw sufficjentement pruvati, ghandhom jigu akkolti;"

**L-appell tal-konvenut proprio et nomine.**

Il-konvenut proprio et nomine hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fis-16 ta' Marzu, 2007 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija billi prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

Is-socjeta` attrici ressqet mhux biss risposta ghall-appell tal-konvenut proprio et nomine izda wkoll appell incidentali fejn gie sottomess li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u fil-mertu l-appell tal-konvenut Peter Montebello f'ismu proprju u bhala gestitur tal-Peter Plant Hire ghandu jigi michud, hlief ghad-decizjoni dwar il-likwidazzjoni ta' sehem is-socjeta` attrici mill-profitt *de quo* u wkoll fir-rigward tad-data li minnha ghandu jibda jiddekorri l-interess fuq l-imsemmija somma dovuta lis-socjeta` attrici u konsegwentement intalbet riforma tas-sentenza appellata billi filwaqt li din tigi konfermata in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut proprio et nomine u laqghat it-talbiet attrici, din tigi riformata nkwantu tillikwida s-sehem spettanti lis-socjeta` attrici mill-qliegh percepit mill-imsemmi progett fis-somma ta' tmient

elef u mitt Lira Maltin (Lm8,100) u tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma bl-imghaxijiet legali mill-31 ta’ Marzu, 1998 sad-data tal-effettiv pagament.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta ressqet bazikament tlett aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn gew sintetizzati bil-mod segwenti fl-istess rikors tal-appell:

a) l-ewwel Qorti malament u erroneament ivvalutat il-provi meta waslet ghall-konkluzjoni illi kien hemm relazzjoni ta’ shab bejn il-partijiet ghax-xoghol tat-triq f’Marsaxlokk;

b) tressaq ukoll aggravju ta’ dritt konsistenti fin-nuqqas ta’ applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Companies Act u l-principji ta’ procedura ghall-oneru tal-prova;

c) l-ewwel Qorti ma qieset xejn il-pagamenti akkont illi *ex admissis* mill-attrici kienu saru mill-konvenut.

Fl-appell incidentali ntavolat mis-socjeta` attrici din qed tilmenta essenzjalment mil-fatt:-

a) li l-ewwel Qorti llikwidat sehemha mill-profitt wara li kkonsidrat li l-*margin of profit* tas-socjeta` konvenuta kien ta’ ghaxra fil-mija fuq l-ammontar tal-kuntratt, u

b) li l-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenut ihallas imghax mid-data tas-sentenza flok mid-data li fiha kellha tigi ezegwita l-obbligazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Mehud in konsiderazzjoni l-ewwel l-appell principali, jidher li l-ewwel aggravju tad-ditta konvenuta huwa indirizzat lejn il-valutazzjoni tal-fatti rizultanti fil-process. Dan l-ilment huwa msejjes fuq il-konsiderazzjoni li l-ewwel Qorti strahet fuq dak li qalu r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici filwaqt li

skartat ghal kollox sew provi prodotti mid-ditta konvenuta kif ukoll cirkostanzi ohra li flimkien iwasslu, jew kellhom iwasslu, ghal konkluzzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

Huwa minnu, kif dejjem jigi ribadit, li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament tal-provi prodotti sakemm ma jirrizultax li jkun sar xi zball evidenti. Fil-kaz in ezami din il-Qorti hija tal-fehma li l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti kien skorrett u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a) Mhux kontestat li t-*tender* ghax-xoghlijiet mertu ta' din il-kawza kienet applikat ghalih id-ditta konvenuta u li dan eventwalment gie assenjat lilha mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk; kien biss wara li nghata dan it-*tender* lid-ditta konvenuta li s-socjeta` attrici giet avvicinata.

b) Isegwi li l-kundizzjonijiet kollha li normalment jaghmlu parti minn dan it-tip ta' xoghol kienu gew diskussi u konkluzi bejn id-ditta konvenuta u l-Kunsill, inkluz, fost ohrajn, in-natura tax-xoghol, il-materjal li kellu jigi utilizat, il-prezzijiet tad-diversi xoghlijiet involuti, il-garanzija u iz-zmien f'liema dan ix-xoghol kellu jigi ezegwi.

c) Jirrizulta wkoll li ix-xoghol in kwistjoni kien jehtieg sew l-uzu ta' l-ingenji mekkanici, li kienu l-ispecjalita` tad-ditta konvenuta, kif ukoll xoghol bl-idejn, li d-ditta attrici kienet tipprovdi.

d) Jirrizulta wkoll li f'certu mument id-ditta konvenuta avvicinat lis-socjeta` attrici biex taghmel dawk ix-xoghlijiet fejn kien mehtieg xoghol ta' l-idejn. Kien hawn li sehh il-malintiz billi s-socjeta` attrici ssostni li bil-kliem li sar kien intlahaq ftehim ta' shubija. Biss jigi rilevat li fost iz-zewg diretturi tas-socjeta` attrici, u cioe` Carmelo Marmara` u Lawrence Marmara`, ta' l-ewwel *ex admissis* qatt ma tkellem dwar dan ma' Peter Montebello u accetta biss dak li kien qallu huh Lawrence fis-sens li Montebello kien qallu biex jahdmu x-xoghol flimkien. Da parti ta' Lawrence Marmara` jidher li dan, meta gie avvicinat biex ix-xoghol isir da parti ta' Montebello bil-gaffef u huma

jikkontribwixxu x-xoghol ta’ l-idejn, fehem li kienet qed issir proposta ta’ shubija. Kif hu risaput ftehim jehtieg il-kunsens taz-zewg partijiet involuti u x’tifhem parti wahda biss qatt ma jista` jwassal ghal akkordju. In effetti Peter Montebello cahad kategorikament li qatt intlahaq ftehim dwar shubija.

e) Jirrizulta li matul l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet id-ditta konvenuta hallset certa ammonti lis-socjeta` attrici u dan fuq insistenza taghha, billi, skond ir-rapprezentant ta’ din ta’ l-ahhar, l-istess socjeta` attrici kellha bzonn flus biex thallas l-impjegati taghha.

f) Jirrizulta wkoll li matul l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet qatt ma sar diskors la bejn il-partijiet, la mal-perit inkarigat u lanqas ma’ membri tal-Kunsill ta’ Masaxlokk, li dan ix-xoghol kien qed isir bi shab.

g) Finalment jidher li meta gew finalizzati x-xoghlijiet u s-socjeta` attrici ma thallsitx, ghalkemm saret taf li d-ditta konvenuta kienet thallset mill-Kunsill, l-istess socjeta` attrici talbet u otteniet, minghand il-perit inkarigat mill-Kunsill, kont tax-xoghljiet li hija kienet ghamlet u sahansitra baghtet dan il-kont lid-ditta konvenuta ghal hlas.

Minn dan kollu din il-Qorti ma tara ebda sembjanza ta’ shubija bejn il-kontendenti. Meta wiehed jidhol fi shab ma’ persuna ohra fl-ewwel lok jaccerta ruhu dwar ix-xoghol li jkun ser jinghata, il-prezzijiet u sahansitra il-materjal u z-zmien ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt, dan ghaliex, b’dik il-prezunta shubija, dik il-persuna tkun qed tidhol responsabbli, flimkien mat-terz, ghall-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet. Hija wkoll haga normali li f’kaz ta’ shubija, u sabiex jigu garantiti l-obbligi assunti miz-zewg kontraenti, kull parti tersaq biex tiffirma l-kuntratt ta’ l-appalt u taghti dawk il-garanziji mehtiega f’sitwazzjonijiet simili. Dan is-socjeta` attrici la qatt ghamlitu u jidher li lanqas biss hasbet li kellha taghmlu.

Inoltre, il-fatt li ma sar ebda diskors dwar shubija la mal-perit inkarigat u lanqas ma’ membri tal-Kunsill, huwa

indikattiv li l-arrangament kien sempliciment wiehed ta' *sub-contracting* billi d-ditta konvenuta, bhala l-parti li akkwistat ix-xoghol, taghti b'sub-appalt lis-socjeta` attrici dawk ix-xoghlijiet li l-istess socjeta` attrici kienet normalment tipprovdi filwaqt li d-ditta konvenuta izzomm ghaliha u tipprovdi dawk ix-xoghlijiet li jkunu jehtiegu l-intervent ta' ingenji. Dan kollu huwa konfermat mill-attitudini tal-istess rapprezentanti tas-socjeta` attrici li, meta gew finalizzati x-xoghlijiet u meta kienu ma thallsux ghax-xoghlijiet minnhom ezegwiti, ottenew kont dettaljat ta' dawk ix-xoghlijiet li kienu ghamlu huma u ppretendew li jithallsu taghhom minghajr ebda rispett lejn l-effetti li seta' kellha s-shubija li huma, sussegwentement, allegaw li kienu dahlu fiha mad-ditta konvenuta. Shubija ma tfissirx li wiehed mill-partijiet jithallas ta' dak li jkun ghamel *de proprio* izda li kollox jigi komputat flimkien u wara li jitnaqqsu l-ispejjez, il-profitti jew it-telf jinqasmu bejn dawk li jkunu qed jippartecipaw fl-imsemmija shubija.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tasal biex tghid li l-aggravju principali tad-ditta konvenuta huwa gustifikat billi l-provi prodotti u c-cirkostanzi kollha rizultanti jwasluha ghall-konvinciment morali li bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm ftehim ta' shubija. Fic-cirkostanzi mhux il-kaz li jigu kunsidrati t-tieni u t-tielet aggravju, anke billi ghar-rigward tat-tieni aggravju dan huwa element gdid introdott fi stadju ta' l-appell, mentri it-tielet aggravju ma jimmeritax konsiderazzjoni gjaladarba s-sentenza appellata ser tigi revokata u t-talba attrici ser tigi michuda. Ghall-istess ragunijiet l-appell incidentali tas-socjeta` attrici ser jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tad-ditta konvenuta qed jigi akkolt filwaqt li l-appell incidentali tas-socjeta` attrici qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi revokata *in toto* bil-konsegwenti rigett tat-talbiet attrici, u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------